# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta (6) ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 674/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Simon Abela**
**(K.I.297268M)**

**Vs**

**Alexander Mifsud**
**(K.I.214780M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 9 ta' Lulju 2019, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti nhar it-18 ta' Diċembru 2017 ġewwa n-Naxxar safa brutalment imsawwat minn l-intimat u kawża ta' dana s-swat, huwa sofra feriti gravi per durata u minħabba f'hekk ġarrab danni kemm attwali u kif ukoll futuri;*

    2. *Illi skond esperti mediċi kawża ta' dana l-inċident, ir-rikorrenti sofra diżabilita permanenti ta' 6%;*

    3. *Illi dwar il-każ kien hemm anke l-involviment tal-pulizija. Illi minħabba fid-danni li sofra, ir-rikorrenti qed isib anke diffikulta li jkompli bl-impieg regolari tiegħu kif se jirriżulta waqt il-kawża;*

> 4. *Illi minkejja li interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u konsegwenzjali ħlas tad-danni, l-intimat baqa' inadempjenti;*
>
> 5. *Illi għalhekk kellha ssir dina l-kawża;*
>
> *Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex ma' għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi illi:-*
>
> 1. *Tiddikjara li l-intimat konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti minn l-attur fl-inċident li seħħ fit-18 ta' Diċembru 2017 fin-Naxxar meta l-attur safa imsawwat brutalment mill-konvenut u b'hekk sofra danni attwali u futuri;*
>
> 2. *Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk meħtieġ bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> 3. *Tordna lill-intimat iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;*
>
> *Bl-ispejjeż, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża, u b'hekk l-intimat minn issa jibqa' nġunt għas-subizzjoni;*

2. Rat illi fis-6 ta' Settembru 2019 l-intimat irrisponda għal dak mitlub billi qajjem s-segwenti difiżi:

> 1. *Illi fil-mertu l-esponenti jirrileva illi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfront tiegħu huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu u dan peress illi mhuwiex minnu illi l-esponenti huwa responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa n-Naxxar u dan kif se jirriżulta aħjar fil-mori tal-kawża. Illi jiġi rilevat illi mhuwiex minnu illi l-esponenti sawwat brutalment lill-konvenut iżda anzi kien l-esponenti illi spiċċa msawwat mill-konvenut u dan kif se jirriżulta mill-kontro-talba;*
>
> 2. *Illi konsegwentement l-intimat ma jistax jiġi ddikjarat ħati għal dan l-inċident;*
>
> 3. *Illi għalhekk ma hemm ebda danni x'jiġu hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, a favur tar-rikorrenti, u għalhekk isegwi illi r-rikorrenti intimat ma jistax jiġi kkundannat iħallas kwalunkwe danni li seta' sofra r-rikorrenti attur konsegwenza ta' dan l-inċident. Għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti attur għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, u dan bl-ispejjeż kontra tiegħu;*
>
> 4. *Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat jirrileva illi kien hu li pprovoka u li sawwat lill-esponenti u fil-fatt ikkaġuna lill-*

*esponenti danni fosthom anke debilita' u problemi psikoloġiċi f'dan l-inċident mertu ta' din l-istanza li jeżoneraw ir-responsabbilta' tal-esponenti u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.*

5. *Illi għalhekk strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat ma jistax jinstab responsabbli tal-inċident de quo.*

6. *Illi inoltre strettament mingħajr preġudizzju irid jiġi ppruvat illi 1-inċident de quo għandu konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

3. Rat illi fis-6 ta' Settembru 2019, l-intimat ippreżenta kontro-talba fejn talab is-segwenti:

1. *Illi nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru, tas-sena elfejn u sbatax (2017), ir-rikorrenti Alexander Mifsud, kien involut f'inċident ġewwa Naxxar, f'liema inċident huwa safa aggredit u imsawwat mill-intimat u dan wara li l-istess intimat ipprovoka u beda jgħajjar lir-rikorrenti;*

2. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti korra gravament peress li ġarrab ġrieħi u anke sofra debilita' psikoloġika;*

3. *Illi għalhekk ir-rikorrenti ġarrab lucrum cessans, kaġun tal-fatt li, bħala effett dirett ta' l-inċident, sofra debilita psikoloġika;*

4. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti inkorra wkoll danni emerġenti (damnum emergens) li jinkludu spejjeż, fosthom, iżda mhux limitament għal, diversi konsulti ma' tobba, professuri u esperti mediċi, kif ukoll spejjeż ta' mediċinali, u telf ieħor kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

5. *Illi minħabba dan l-inċident r-rikorrenti għadu jbati sal-ġurnata tal-lum minn l-effetti tal-istess inċident;*

6. *Illi dan l-inċident seħħ unikament tort tal-intimat Simon Abela;*

7. *Illi għalhekk għall-istess inċident u għal hlas tad-danni konsegwenzjali, huwa unikament responsabbli l-intimat;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *TIDDIKJARA illi fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ir-rikorrenti Alexander Mifsud safa midrub f'inċident li seħħ*

*ġewwa n-Naxxar u TIDDIKJARA illi dan l-inċident seħħ unikament, konsegwenza tal-aġir vjolenti u eċċessiv tal-intimat Simon Abela;*

2. *TIDDIKJARA illi konsegwenza ta' dan l-inċident u tal-aġir vjolenti u eċċessiv tal-intimat Simon Abela, ir-rikorrenti sofra danni, inkorra diversi spejjeż, u anke qed ibati minn diżabilita permanenti u psikoloġika;*

3. *TILLIKWIDA d-danni hekk sofferti minn l-istess rikorrenti;*

4. *TORDNA lill-intimat Simon Abela, sabiex iħallas lir-RIKORRENTI dik is-somma hekk likwidata. occorendo anke bin-nomina ta' Perit.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet*

4. Rat illi fit-13 ta' Settembru 2019, Simon Abela irrisponda għal dak mitlub fil-kontro-talba billi:

    1. *Illi fl-inċident mertu tal-kawża odjerna kif ġia maħluf fiċ-ċitazzjoni kien l-esponenti li safa brutalment imsawwat minn Alexander Mifsud u għalhekk l-eċċipjenti qed jikkontesta kull forma ta' responsabbilita u jew li huwa għandu jiġi misjub responsabbli li kkaġuna xi feriti u jew danni lill-imsemmi Mifsud;*

    2. *Konsegwentement, l-eċċipjenti ma għandux ikun ikkundannat iħallas ebda danni kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi fil-kawża;*

    3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;*

**Provi:**

5. Rat illi fit-18 ta' Settembru 2019, il-kawża tħalliet għall-provi.

6. Rat ix-xhieda ta' **Abigail Galea**, bint Simon Abela, mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2019 (fol 25).

7. Rat ix-xhieda ta' **Raisa Abela**, bint Simon Abela, mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2019 (fol 28).

8. Rat ix-xhieda ta' **Cynthia Abela** , il-mara ta' Simon Abela, mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2019 (fol 30).

9. Rat ix-xhieda ta' **Simon Abela** mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2019 (fol 33).

10. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrent fid-19 ta' Novembru 2019, ossija FS3 għas-sena 2017 kif ukoll rapport tat-Tabib kirkurgu Mr Jason Zammit (fol 46).

11. Rat ix-xhieda ta' l-**Ispettur Roderick Spiteri** mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2019 (fol 54).

12. Rat ix-xhieda ta Konsulent Kirurgu **Mr Jason Zammit** mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2019 (fol 58).

13. Rat ix-xhieda ta' **Darren Gatt**, Human Resources Manager fil-kumpannija Nylon Knitting fejn jaħdem ir-rikorrent, mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2019 (fol 62).

14. Rat illi fit-3 ta' Jannar 2020, il-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif ippresjeduta.

15. Rat illi fit-12 ta' Frar 2020, il-Qorti appuntat lil Konsulent Kirurgu Mr Massimo Abela sabiex jevalwa d-diżabbilta' tar-rikorrent.

16. Rat ir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti Mr. Massimo Abela ippreżentat u maħluf fid-9 ta' Lulju 2020 (fol 78) fejn ikkonstata illi d-debilita' sofferta mir-rikorrent kienet ta' 4 fil-mija (4%).

17. Rat id-domandi in eskussjoni lill-Perit mediku Mr Massimo Abela li saru mill-konvenut fis-7 ta' Ottubru 2020 (fol 89) u r-risposti li daħlu fid-19 ta' Ottubru 2020 (fol 92).

18. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2020, ir-rikorrent ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta u l-kawża tħalliet għall-provi intimati permezz ta' affidavits.

19. Rat illi fl-1 ta' Diċembru 2020, l-intimat la deher u wisq anqas ippreżenta xi affidavits.

20. Rat illi fis-16 ta' Frar 2021, l-intimat, għal darba oħra, lanqas ma deher u wisq anqas ma ppreżenta xi provi, u għalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi intimati bħala magħluqa.

21. Rat illi fis-16 ta' Frar 2021, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet.

22. Rat illi fit-2 ta' Ġunju 2021, deher ir-rikorrenti assistit mill-konsulent legali tiegħu filwaqt illi la l-intimat u wisq anqas il-konsulent legali tiegħu ma dehru.

23. Rat illi fit-2 ta' Ġunju 2021, il-konsulent legali tar-rikorrenti ddikjarat illi kien qiegħed jistrieħ fuq il-provi li kien hemm w għalhekk l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

24. Jirriżulta, mill-provi prodotti unikament mir-rikorrent, illi wara ġlieda bejn il-kontendenti, ir-rikorrent safa midrub kawża ta' swat u feriti gravi. Dwar dan il-każ kien hemm l-involviment tal-Pulizija.

25. L-intimat sostna kemm fir-risposta fil-kontro-talba li mhuwiex minnu li r-rikorrent safa imsawwat brutalment, anzi kien hu li ġie aggredit u msawwat u sofra danni u debilita` psikoloġika.

26. Jirriżulta illi tali ġlieda, li seħħet fit-18 ta' Diċembru 2017, fi kliem ir-rikorrent, seħħet kif ġej:

- Il-partijiet għandhom garages biswit ta' xulxin ġewwa n-Naxxar.
- Ir-rikorrent kien qiegħed jilmenta li l-intimat kien qiegħed idejqu regolarment b'azzjoniijet ta' vendikazzjoni mal-garage tiegħu, fosthom awrina u affarjiet simili, skond dak irrapurtat mill-Ispettur li investiga l-każ, l-iSpettur Roderick Spiteri (fol 54).
- Illi dakinhar tal-inċident, r-rikorrent kien qiegħed idaħħal il-karozza fil-garage u ltaqa' mal-mara ta' l-intimat, ċerta Vanessa, u qalilha biex tgħid lir-raġel tagħha, l-intimat, sabiex jieqaf idejjaqha, għal liema rikjesta, skond ir-rikorrent, dina Vanessa qaltlu "dak lanqas jien ma nfehmu" (fol 34).
- Ir-rikorrent mar id-dar tiegħu, li tinstab fil-viċin, bil-pass, u mar id-dar. Ftit wara ħabbat il-bieb u r-rikorrent irrisponda mill-gallarija, fejn ra lill-intimat u, meta staqsieh x'ried, dana "beda jidgħi u joffendini" (fl 34).
- Ir-rikorrenti imbagħad jirrakkonta dan li ġej:
  "*Imbagħad kompla joffendini, minn isfel għal fuq, fil-parapett tiegħi stess, inżilt, kif inżilt ftaħt il-bieb, beżaqli f'wiċċi u rajtu ħa joħroġ idejh minn ġol-but biex jagħtini u tajtu l-ewwel daqqa jien. Qabadni mill-flokk, kaxkarni, tefagħni mal-art u beda jagħtini bis-safety shoes fuq idejja x-xellugija li sa llum qed insofri biha 6% disability. Dan l-inċident dam, intlift naqra minn sensija, u ma nafx x'sar minnu, naf li imbagħad il-mara u t-tfal qaluli li baqa' ġej warajhom ukoll, imbagħad wassluni t-tifla l-kbira u ż-żgħira l-Isptar.*"

27. Jirriżulta illi l-Qorti ma għandhiex il-verżjoni tal-fatti da' parte ta' l-intimat, stante illi l-intimat qatt ma indenja ruħu jressaq provi fil-Qorti.

28. Ir-rikorrent qed jikkontendi, li konsegwenza, ta' din l-eventwalita`, skont ir-rapport tal-espert mediku *ex parte*, hu qed isofri minn diżabilità permanenti ta' sitta fil-mija (6%). Jirriżulta mir-rapport tal-espert mediku nominat mill-Qorti, li r-rikorrent qed isofri diżabilita` permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%).

29. Fir-rapport tiegħu, il-Perit Mediku tal-Qorti Mr Massimo Abela ikkonkluda li r-rikorrent ġarrab ksur ta' waħda mill-għadmiet tal-minkeb tax-xellug, wara li allegatament ġie aggredit fit-18 ta' Diċembru 2017, kellu bżonn jiġi operat u daħħlulu l-ħadid f'idejh, filwaqt li wara ftit xhur kellu bżonn operazzjoni oħra biex neħħewlu l-ħadid tal-ewwel operazzjoni. Ġie konkluż ukoll, li r-rikorrent qed ibati minn diżabilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%).

30. In eskussjoni, l-Perit Mediku Mr. Massimo Abela wieġeb li ra lir-rikorrent darba fit-13 ta' Marzu 2020, u l-vista medika damet 45 minuta. Ikkonferma li ra l-istorja medika tar-rikorrent. Ikkonferma l-evalwazzjoni tar-rata ta' diżabilita` hija bbażata fuq l-esperjenza tiegħu, u hija bbażata fuq il-fatturi imsemmija fir-rapport.

## Ikkunsidrat

31. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jitlob danni materjali u personali tat-tip *damnum emergens* u *lucrum cessans*, wara danni sofferti fl-inċident li seħħ fit-18 ta' Diċembru 2017. Fil-fatt, ir-rikorrent, qed isostni, li konsegwenza tal-fatt li safa msawwat f'dan l-inċident huwa qed isofri danni attwali u futuri, kif ukoll minn diżabilità fuq il-persuna tiegħu.

32. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat irrespinġa l-pretensjonijiet tar-rikorrent billi eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Inoltre`, ġie eċċepit ukoll li kien hu li spiċċa msawwat mir-rikorrent u mhux vice versa, għalhekk m'hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati. Di piu`, l-intimat ippreżenta kontro-talba fejn sostna li konsegwenza tal-imsemmi inċident datat 18 ta' Diċembru 2017, huwa korra gravament u ġarrab ġrieħi u debilita` psikoloġika. Għalhekk, talab li jiġu likwidati d-danni sofferti fil-konfront tiegħu – huwa ma ressaq ebda provi fil-każ odjern!

33. Fir-risposta tiegħu għall-kontro-talba r-rikorrent sostna li kien proprju r-rikorrent li safa aggredit u għalhekk qed jikkontesta kull forma ta' responsabbilta` u m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ebda danni fil-konfront tal-intimat.

## Konsiderazzjonijiet – Responsabbilta`

34. Ir-rikorrent, permezz tal-proċedura odjerna, jisħaq illi l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident, fejn huwa safa brutalment imsawwat mill-intimat.

35. L-intimat ma ressaq ebda provi, la sabiex jikkontradixxi l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrent, u wisq anqas biex jissustanzja l-pretensjoni tiegħu għal danni.

36. Jingħad fl-ewwel lok, huwa prinċipju assodat li min jallega jrid jipprova. Infatti, hija regola ġenerali, li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* (Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Vol. XXXVII-I-578).

37. Għalkemm, l-intimat, itenni li huwa ġarrab ġrieħi u li sofra debilita` psikoloġika, dan ma ġiex bl-ebda mod korroborat bil-provi. Tant hu hekk, li wara li ġie verbalizzat, li l-intimat xtaq iressaq il-provi tiegħu b'affidavits, huwa naqas li jagħmel dan, u l-intimat stess, naqas li jidher għas-seduta, kif jidher fil-verbal datat 1 ta' Diċembru 2020 (fol 94). Inoltre`, l-fatt, li l-intimat ippreżenta kontro-talba fejn qed jitlob li d-danni jiġu likwidati fil-konfront tiegħu, minħabba allegati ġrieħi u allegata debilita` psikoloġika, ma jfisser xejn kemm-il darba dan ma giex suffiċjentement ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti.

38. Jirriżulta, mix-xhieda tal-Ispettur Roderick Spiteri, li kien l-intimat li mar fejn ir-residenza tar-rikorrent, ħabbatlu l-bieb u beda jgħajjatlu. Inoltre`, l-Ispettur Roderick Spiteri ikkonferma hekk:

> *"Hemm żewġ proċeduri separati. Waħda fuq grievous body harm fil-konfront ta' Alexander Mifsud li kkaġunahom fuq Simon Abela, u fil-konfront ta' Simon Abela, li kkaġuna slight injuries, tad-daqqa ta' ponn, għax l-ieħor tah daqqa ta' ponn ġo wiċċu, fil-konfront ta' Simon Abela, fejn il-vittma huwa Alexander Mifsud."*

39. Minn din ix-xhieda tal-Ispettur, jidher li kien l-intimat li pprovoka lir-rikorrent qabel seħħ l-inċident. Jirriżulta wkoll, li anke l-akkużi fil-proċeduri kriminali inħarġu bil-mod li jindikaw li min ġarrab *grievous body harm* kien ir-rikorrent, u mhux l-intimat.

40. Mill-assjem tal-provi, jidher ukoll, li t-teżi tar-rikorrent hija korroborata suffiċjentement, stante li anke kif ikkonfermat Raisa Abela, bint ir-rikorrent, ir-rikorrent ratu mal-art, muġugħ, u kien jidher midrub serjament wara li ġie msawwat.

41. L-**Artikolu 1045(1) tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha…hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'il quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

42. Minn din id-disposizzjoni tal-liġi, jirriżulta ċar, li jeħtieġ ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni u l-effett dirett fuq min qed jirreklama danni sofferti.

43. Ir-rikorrent jirreferi għal dan in-ness bejn il-kawża u effett billi rrefera, anke fil-premessi, li qed isofri minn diżabilita` permanenti. Huwa eżebixxa r-rapport *ex parte* tal-konsulent mediku Mr Jason Zammit fejn iddikjara li r-rikorrent għandu diżabilita` ta' sitta fil-mija (6%).

44. Inoltre`, jirriżulta li fil-mori tal-kawża, il-Qorti appuntat lill-Orthopaedic and Trauma Surgeon, Mr Massimo Abela, sabiex jeżamina lir-rikorrent u jivverifika jekk attwalment sofriex minn diżabilita` permanenti, u jekk iva jistabilixxi kemm.

45. Jirriżulta li fir-rapport tiegħu, l-abbli espert Mr Abela ikkonkluda li Simon Abela qed isofri minn diżabilita` permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%) u għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Simon Abela ġarrab ksur ta' waħda mill-għadmiet tal-minkeb tax-xellug wara li allegatament ġie aggredit minn raġel ieħor fit-18/12/2017. Kellu bżonn jiġi operat għall-ksur li kellu, u ftit xhur wara kellu bżonn ta' operazzjoni oħra biex jitneħħa l-ħadid li kien intuża fl-ewwel operazzjoni. Għadu jilmenta minn uġiegħ intermittenti u għandu limitazzjoni żgħira fil-moviment tal-minkeb."*

46. Din il-Qorti m'għandha ebda raġuni għaliex ma tistrieħx fuq il-konklużjonijiet tal-abbli espert tagħha, Mr. Massimo Abela, li r-rikorrent sofra diżabilta' permanenti, u għalhekk tikkonkludi li d-diżabilita` permanenti ta' Simon Abela, riżultat tal-inċident li ġara fit-18 ta' Diċembru 2017, huwa ta' **erbgħa fil-mija (4%)**.

## Danni

47. Jirriżulta mill-premessi, mit-talbiet u mill-atti tal-każ, li r-rikorrent qed jippretendi kumpens għal danni sofferti, liema danni jridu jiġu likwidati minn din il-Qorti. Jirriżulta, li r-rikorrent mhuwiex jirreklama *damnum emergens* stante li ma eżebixxa xejn dwar spejjeż, jew prospett ta' spejjeż inkorsi minnu, fil-każ in eżami.

48. Huwa paċifiku li l-likwidazzjoni tad-danni għandha sseħħ fuq żewġ binarji; id-danni attwalment sofferti '*damnum emergens*' u dawk id-danni kawża l-inkapaċita` ikkaġunata '*lucrum cessans*' kif provdut mill-Artikolu 1045 tal-Kap 16.

49. Għalhekk, din il-Qorti ser tipproċedi bil-komputazzjoni tad-danni *lucrum cessans*.

## Lucrum Cessans

50. Jirriżulta, kif intqal fis-sentenza **Emmeline Cini vs Antoine Cachia**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2013, il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qliegħ futuri minħabba l-inkapaċita`, it-telf ta' paga jew qliegħ ieħor attwali li sofra l-persuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant iżda hija regolata minn ċerti prinċipji, għalkemm mhux assoluti.

51. Fil-każ **Malcolm Cumbo vs Malta Freeport Terminals Ltd** deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Qorti stabbiliet:

> *"Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid isir fuq it-telf ta' qliegħ li l-attur seta' bagħta diġa' minn dakinhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbagħti 'l quddiem minħabba l-inkapaċita` għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ."*

52. Jirriżulta wkoll illi fil-kawża **Paul Debono vs Malta Drydocks** deċiża mill-Prim' Awla fis-27 ta' April 2015 ġie ritenut:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hija ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta'*

*qliegħ futuri minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjanti ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, pero` l-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

**Entita tad-Dħul:**

53. Jirriżulta li r-rikorrent, meta seħħ l-inċident, kellu disgħa u erbgħin (49) sena, u kien jaħdem ma' Nylon Knitting bħala Warehouse Manager.

54. Jirriżulta mid-dokumentazzjoni minnu eżebita, li fis-sena 2017 huwa kien jipperċepixxi qliegħ ta' €1,600 net fix-xahar, kif ikkonferma l-istess rikorrent fix-xhieda tiegħu. Jirriżulta mid-dokument FS3, li id-dhul annwali fis-sena 2017 kien ta' €25,250.44.

55. Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkonsidra id-dħul ta' Simon Abela fl-ammont ta' €25,250.44 fis-sena.

56. Dwar konsiderazzjonijiet fuq l-għoli tal-ħajja, jirriżulta illi fil-każ **Stephen Cardona vs John Mary Fenech** deċiża mill-Prim' Awla fid-9 ta' Frar 2012, kien ġie deċiż illi:

    *"Il-Qorti qed takkorda wkoll żieda ta' €300 fis-sena, ir-relazzjoni mal-awment tal-paga għall-għoli tal-ħajja."*

57. Din il-Qorti taqbel li tali ammont ta' €300 fis-sena għandu jitqies ukoll għall-għoli tal-ħajja fil-każ odjern.

**Multiplier**

58. Fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello**, deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fil-25 ta' Frar 2016, ġew stabbiliti prinċipji li l-Qorti tħoss li għandha tibbaża fuqhom meta tiġi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal tal-każ odjern:

    *"Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija 'Michael Butler vs Peter Christopher Heard' (Appell 22.12.1967), li tat l-oriġini għal hekk imsejħa 'multiplier system', li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet reċenti peress li, kif intqal fil-kawża 'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et' (Appell 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna inbidlu konsiderevolment u l-ammont li qegħdin isiru fuq kriterji ferm*

> *differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu. Għalhekk, il-Qrati Tagħna irritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi-'Savona vs Asphar', Appell (23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilta`. Inoltre`, d-danneġġat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta` (Francis Sultana vs John Micallef et noe et, Appell 20.07.1994).*

59. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1986 intqal is-segwenti:

> *"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettativa tal-ħajja in ġenerali tad-dennaġġjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni iċ-chances and changes of life.*
>
> *Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu ifixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirrintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."*

60. Jirriżulta, li fil-każ in eżami, r-rikorrent Simon Abela kellu disgħa u erbgħin (49) sena meta sofra l-inċident, u persuna jieqaf bil-pensjoni ta' wieħed u sittin (61) sena.

61. Għaldaqstant, huwa ġust u verosimili li tnax-il sena (12) huwa perjodu ġust li għandu jkun applikabbli bħala multiplier.

## Kalkolu finali

62. Ikkunsidrat il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmula, għandu jirriżulta:

a. L-introjtu ta' Simon Abela jammonta għal madwar €25,250.44.
b. L-għoli tal-ħajja għandu ikun ta' €300 fis-sena.
c. Il-multiplier għandu jkun ta' 12 il sena.

63. Jirriżulta għalhekk, illi l-ammont li għandu jkun ikkunsidrat għal lucrum cessans għandu jkun maħdum fuq il-media tal-introjtu tar-rikorrent, ossija €25,250.44 u l-introjtu prevvist biż-żieda tal-għoli tal-ħajja wara tnax-il sena, ossija fl-ammont ta' €28,850.44, liema medja hija ta' (€25,250.44 + €28,850.44 divided by 2 =) €27,050.44.

64. Jirriżulta li l-ammont globali li għandu jiġi kkunsidrat huwa għalhekk €324,605.28 (€27,050.44 x12).

## Tnaqqis

65. Fil-każ **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1995, il-Qorti rriteniet:

> *"Fir-rigward tar-riduzzjoni għal lump sum payment il-Qorti….jidhrilha li…ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal lump sum payment jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."*

66. Fil-każ **Joseph Agius vs All Services Ltd** deċiża mill-Prim' Awla fit-2 ta' Ġunju 2005, ingħad hekk:

> *"F'każijiet kongruwi, soltu li isir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni, pero, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hija l-prattika li l-persentaġġ tat-tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

67. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi dwar it-tnaqqis in vista tal-ħlas f'daqqa, il-Qorti tosserva li l-kawża ilha pendenti sentejn minn meta ġiet ippreżentata, ilha erbgħa snin mill-att tal-inċident li seħħ fl-2017, u għalhekk bil-kalkolu ta' tnaqqis ta' 2% għal kull sena li ddum il-kawża oltre` sentejn, it-tnaqqis għalhekk għandu ikun ta' 2% biss.

## Somma dovuta

68. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala lucrum cessans hija: €28,850.44 x 12 (multiplier) = €324,605.28 x 4% dizabilita` stabbilita - €12,984.21 naqqas 2% (lump sum payment ammontanti għal (€259.68) = €12,724.53 (tnax-il elf,

sebgħa mija u erbgħa u għoxrin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu). – Il-Qorti ser tirrotonda tali ammont għal tnax il-elf, sebgħa mija u għoxrin Ewro €12,720 għal finijiet ta' prattiċita`.

69. Għalhekk, is-somma totali dovuta lir-rikorrent bħala danni hija ta' €12,720.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha u l-provi kollha prodotti ppreżentati quddiemha;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat.

**Tiċħad** it-talbiet rikonvenzjonali.

**Tilqa'** t-talbiet rikorrenti kif dedotti, u għalhekk;

**Tiddikjara** li l-intimat Alexander Mifsud huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fit-18 ta' Diċembru 2017 fin-Naxxar meta l-attur ġie msawwat mill-intimat.

**Tillikwida** d-danni sofferti minħabba dan l-inċident fl-ammont ta' tnax-il elf, sebgħa mija u għoxrin Euro (€12,720).

**Tikkundanna** lill-intimat Alexander Mifsud iħallas lir-rikorrent Simon Abela l-ammont ta' tnax-il elf, sebgħa mija u għoxrin Euro (€12,720).

**Imgħax** dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna għandhom ikunu kollha a kariku tal-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur